MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 14/1990/1

**Carmel Bajada**

**vs**

**Anthony Portelli**

**Illum il-Ġimgħa, 18 ta’ Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur hu gabillot ta’ u fil-pussess ta’ biċċa raba msejħa “Ta’ Għajn Damma” fil-limiti ta’ Xagħra, Gozo, proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, u konfinanti f’livell aktar baxx, ma

biċċa oħra mill-istess territorju ukoll proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta, iżda mwellija lilek konvenut;

Illi fir-raba fil-pussess tiegħek inti konvenut għamilt ġibjun, f’forma ta’ ħofra fl-art illi tokkupa madwar sigħan raba, biex iservi bħala ħażna tal-ilma;

Illi kif jirriżulta mill-anness ċertifikat peritali, din il-ħofra sejra sservi bħala kaġun ta’ ħsara inġenti fir-raba fil-pussess tal-attur;

Illi l-attur irid jeżerċita id-dritt mogħti lilu bl-artikolu 539 tal-Kodiċi Ċivili u jitlob illi inti konvenut tiġi mġiegħel tneħħi l-perikolu minnek kaġunat u tagħti garanzija għall-ħsarat illi l-attur jista’ jsofri.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-ħofra ossia ġibjun minnek magħmul fir-raba mwelli lilek illi jikkonfina f’livell ogħla mar-raba imwelli lil u fil-pusess tal-attur tikkostitwixxi sors ta’ perikolu u ħsara għall-istess raba fil-pussess tal-attur;

2. Konsegwentement tikkundannak sabiex skond il-każ tagħmel ix-xogħolijiet neċessarji sabiex jitneħħa dan l-istess perikolu, u tagħti garanzija adegwata għall-ħsarat illi l-attur jista’ jsofri;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur illi jagħmel l-istess xogħlijiet huwa stess a spejjeż tiegħek konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Jannar 1990 u tal-ittra uffiċjali ta’ 18 ta’ Jannar 1990 kontra tiegħek.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti msejjaħ.

Bir-riżerva ta’ kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur għad-danni illi jistgħu jiġu kaġunati lilu fil-frattemp.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi ma huwiex veru illi l-ġibjun li bena l-konvenut qiegħed jikkostitwixxi xi sors ta’ perikolu u ħsara għar-raba imqabbel għand l-attur, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Marzu 1990 fejn innominat lill-A.I.C. Guido Vella bħala perit tekniku f’din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fit-22 ta’ Awwissu 2000 u minnu maħlufa fit-23 ta’ Jannar 2001.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Mejju 2001 li bih innominat lill-avukat Dottor Justyne Caruana, lill-A.I.C. Joseph Mizzi u l-A.I.C. Edward Scerri bħala periti addizzjonali.

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali ppresentat fl-14 ta’ Jannar 2008 u debitament ikkonfermat bil-ġurament tagħhom.
Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat in-Nota ta’ Replika tal-konvenuti ppresentata fl-4 ta’ Ottubru 2013.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qed ifittex li l-konvenut (i) ineħħi periklu li hu allegat li ġie kkawżat bit-tħaffir ta’ ġibjun għall-ilma biex isaqqi l-għelieqi maħduma minnu, li

jinsabu fil-qrib ta' dawk mqabbla għand l-istess attur u (ii) li jagħti garanzija adegwata għall-ħsara li tista' tiġi kkaġunata lilu.

Kif iddikjara fl-istess ċitazzjoni tiegħu, l-attur qiegħed jeżerċita waħda mill-azzjonijiet possessorji u preċiżament dik kontemplata fl-artikolu 539 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jistipula illi:

**"Min bir-raġun jibża' li tista', minn waqt għall-ieħor, tiġri ħsara kbira f'fond jew ħaġ'oħra <u>fil-pussess tiegħu</u>, minn bini, siġra jew ħaġ'oħra, jista' jagħmel kawża u jitlob, skond iċ-ċirkostanzi, illi jiġu meħuda l-passi meħtieġa sabiex jitneħħa l-periklu, jew illi l-ġar ikun imġiegħel jagħti garanzija għall-hsarat li l-attur jista' jbati."**

Dan l-artikolu huwa kważi identiku għall-artikolu 699 tal-Kodiċi Ċivili taljan l-antik li kien jipprovdi li:

"*Chi ha ragionevole motivo di temere che da qualsivoglia edifizio, da un albero, o da altro oggetto sovrasti pericolo di un danno grave e prossimo ad un fondo od oggetto da lui posseduto, ha diritto di denunziare il fatto al giudice, e di ottenere secondo le circostanze, che si provveda per ovviare al pericolo, o s'ingiunga al vicino l'obbligo di dare cauzione pei danni possibili*."

Kif insibu mfisser fid-dottrina kontinentali: "*Tre condizioni son dunque richieste dal Codice, perche' si possa sperimentare l'azione di danno temuto.*

*In primo luogo, fa d'uopo che si abbia un ragionevole motivo di temere un danno grave e prossimo. La gravita' e la prossimita' del danno vogliono essere giudicate secondo l'estimazione comune, e non gia secondo le sole apprensioni dell'attore.*

*In secondo luogo, il danno e' a temersi da un edifizio, da un albero o da altro oggetto del vicino...*

*In terzo luogo, il danno deve minacciare un fondo od altro oggetto posseduto dal reclamante. Ma non deve credersi che, per potere intentare la detta azione, debbasi di necessita' possedere la cosa su cui puo' cadere il danno; imperciocche', indubbiamente, l'azione puo' essere esercitata anche dal proprietario che non possiede*." [1]

Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu il-konvenut jikkontendi li l-attur qatt ma seta' jirnexxi f'din l-azzjoni billi huwa, kif ifisser fl-istess ċitazzjoni tiegħu, huwa sempliċi inkwilin f'raba tal-Gvern u mhux possessur, fis-sens li trid il-liġi għall-*usucapio*. L-attur fin-Nota responsiva tiegħu jipprotesta li l-konvenut qatt ma seta' jqajjem eċċezzjoni bħal din unikament f'din in-Nota tiegħu, meta huwa dejjem iddefenda ruħu sempliċement fuq l-allegazzjoni li dan il-ġibjun ma kien ta' ebda periklu għall-attur. Għalkemm jista' jkun minnu illi din il-kwistjoni tal-pussess qatt ma ġiet dibattuta fil-mori tas-smiegħ tal-kawża, ma jistax jgħid l-attur li ma kien hemm ebda eċċezzjoni f'dan is-sens. Dan għaliex proprju fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jikkontendi li "*d-domandi attrici huma infondati fid-**dritt** u fil-fatt*," u dan ir-rekwiżit tal-**pussess** żgur li huwa wieħed mill-elementi essenzjali ta' dritt meħtieġa sabiex tkun tista' tirnexxi kawża bħal din, bħal ma hu wara kollox meħtieġ fl-azzjoni possessorja l-oħra tal-manutenzjoni minħabba molestja. Hekk ukoll l-ebda kawża ta' spoll ma tista' tirnexxi jekk ma jiġix ippruvat il-pussess jew detenzjoni.

Minkejja li xi awturi taljani, bħal dak hawn fuq ċitat, jagħtu x'wieħed jifhem li anke l-inkwilin jista' jeżerċita din l-azzjoni meta jgħidu li: " …*se vi ha disposizione in cui la parola **possesso** debba largamente interpretarsi ed applicarsi e' certamente quella di cui si tratta, avuto riguardo alla causa e dall'oggetto della legge. Sembra in effetti che detta parola si debba intendere nel suo senso naturale, e che basti possedere o ritenere la cosa, qualunque ne sia la cagione e il titolo, per avere interesse e diritto ad impedire che essa venga distrutta o deteriorata*

[1] Giovanni Lomonaco: Della Distinzione Dei Beni e Del Possesso: Torino 1922 para.88 pag.508

…", [2] ma jidhirx li din id-dottrina tista' ssib applikazzjoni fil-liġi tagħna. Dan għaliex filwaqt illi l-erba' azzjonijiet possessorji fil-liġi taljana jitkelmmu dejjem dwar "***il possesso***",[3] fil-liġi tagħna ssir distinzjoni bejn "***pussess***" u "***detenzjoni***," tant li l-azzjoni tal-ispoll taħt l-artikolu 535 tal-Kap.16 tista' tiġi ttentata sew mill-possessur, kif ukoll mid-detentur (u allura anke mill-inkwilin), fl-azzjonijiet possessorji l-oħra titkellem biss mill-"***pussess.***" Infatti huwa magħruf sew li fl-*actio manutentionis* il-pussess irid ikun dejjem *animo domini*. Huwa evidenti għalhekk li l-leġislatur tagħna hawnhekk ried jitbiegħed mill-posizzjoni kontinentali f'dan ir-rigward, u jillimita l-azzjonijiet possessorji kollha, hlief ghal dik ta' spoll, ghall-pussessuri (fid-definizzjoni stretta tal-kelma) biss.

Ghaldaqstant u peress li l-azzjoni ttentata mill-attur taht il-ligi taghna tispetta biss lill-pussessur u mhux ukoll lid-detentur, bhal ma hu l-inkwilin kif jammetti li hu l-attur stess fil-kaz presenti, l-azzjoni tiegħu sa fejn hija bbażata fuq l-artikolu 539 tal-Kap.16, ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut safejn qal li d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Op. cit. para. 89 pag.511; ara wkoll fl-istess sens il-Pacifici Mazzoni: Istituzioni di Diritto Civile Italiano ed.1884 vol.III para.66 pag.96 - 97

[3] Ara artikoli 694- 699 tal-Kodici Civili Taljan l-antik